MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Numru 1054/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard C. Spiteri**

**vs**

**Angie Axisa**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Angie Axisa ta’ 26 sena bint Mario u Lukarda nee’ Pace, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Settembru 1982 u residenti ‘Sunflower’, Block 9, Gawdieri Street, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 503782(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar is-7 ta’ Settembru 2008, ghall-habta ta’ 7.30 ta’ filghodu, waqt li kienet qieghda gewwa Stiletto u Babilon, li jinsabu gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan ;

1. Volontarjament hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor u cioe’ diversi oggetti mill-istabbilimenti Babilon u Stiletto ghad-dannu ta’ Douglas Axisa minn Valletta, liema hsara teccedi aktar minn €1,164.69c.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Ottubru, 2008 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-23 ta’ Jannar, 2009 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taggha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Jannar, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissieta b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghta zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u l-imputata baqghet tinsisti li tirregistra ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-imputata ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputata (esebita *a folio* 3 tal-process), l-fatt li hija hallset l-hsara li ghamlet lil parti civile u l-fatt li l-imputata ammettiet l-akkuza migjuba fil-konfronti taghha fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lil imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------